MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 21/2003/1

**Joseph Borg flimkien ma' martu Josephine Borg ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Francis *sive* Frank Vella**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2003, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-fond ossija 'garage' ossija mahzen bin-numru mija u tmintax (118), Triq il-

Kostituzzjoni, Mosta bil-kera annwa ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.

Illi l-esponenti odjerni kienu pprezentaw rikors quddiem dan l-Onorabbli Borg (rikors fl-ismijiet “Joseph Borg et –vs- Francis sive Frank Vella” Rikors Numru 51/97JC) illi permezz tieghu kienu talbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond ‘*de quo’* stante illi, *‘inter alia’*, l-intimat ma kienx ghadu qieghed jaghmel uzu mill-fond lilu mikri u ghall-iskop li ghalih inkera.

Illi fir-risposta tieghu ghall-imsemmi rikors, l-intimat odjern kien tenna illi huwa kien u ghadu juza l-fond in kwistjoni bhala mahzen u li f’dan il-fond huwa kellu merkanzija.

Illi in sostenn ta’ din is-sottomissjoni tieghu, l-intimat odjern kien ipproduca bhal xhud lil certu Saviour Borg illi jahdem mas-socjeta’ ‘J.P. Baldacchino & Co Ltd’, liema xhud spjega illi huwa kien jiehu xoghol ‘irqieq’ fil-hanut li jiggestixxi l-intimat filwaqt illi xoghol ‘goff’ kien imur ihottu fil-mahzen in kwistjoni.

Illi indubbjament din ix-xhieda ta’ persuna indipendenti mill-partijiet illi kkonferma l-uzu tal-fond in kwistjoni bhala mahzen illi gewwa fih kien jinhatt “xoghol goff’ kellha portata importanti hafna tant illi anke fis-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fit-28 ta’ Marzu, 2001 saret riferenza ghax-xhieda tal-imsemmi Saviour Borg bhala sors ta’ konferma tal-‘garage’ in kwisjtjoni bhala mahzen ghall-merkanzija.

Illi bis-sentenza minnu moghtija fit-28 ta’ Marzu, 2001 dan l-Onorabbli Bord cahad it-talbiet tal-esponenti ghar-ripreza tal-fond ‘*de quo*’ u l-izgumbrament tal-intimat mill-istess, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b’sentenza moghtija fid-9 t’Ottubru, 2001.

Illi sussegwentement l-esponenti kkonfermaw illi ma kienx minnu illi qieghed isir uzu mill-fond in kwistjoni bhaal mahzen (tant illi lanqas servizz ta’ dawl u ilma ma kien hemm fl-imsemmi fond, illi kien priv ukoll minn kwalsiasi sigurta’ anke l-izjed bazika, trattandosi ta’ mahzen (sic),

anzi kien jintuza unikament ghall-iskop li tigi garaxxjata vettura) u di piu' saru jafu wkoll illi x-xhieda moghtija mill-imsemmi Saviour Borg kienet wahda falza stante illi huwa ma jahdimx mas-socjta' 'J.B. Baldacchino & Co Ltd', bhala 'salesman' ossija 'deliveryman' u cioe' persuna illi jahdem fuq barra u jmur jikkonsenja x-xoghol lill-klijenti ta' din is-socjeta' izda biss bhala 'store officer' fuq gewwa, u kwindi certament li mhuwiex minnu illi l-imsemmi Saviour Borg kien imur jikkonsenja x-xoghol lill-intimat, kif minnu konfermat bil-gurament fix-xhieda minnu moghtija quddiem dan l-Onorabbli Bord.

Illi ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jintavolaw dan l-odjern rikors ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-intimat ottjena gudizzju favorevoli ghalih a bazi ta' dikjarazzjoni falza minnu maghmula korroborata minn xhieda falza moghtija mill-imsemmi Saviour Borg, u l-esponenti qeghdin jirrizervaw id-dritt taghhom ukoll illi jistitwixxu proceduri quddiem il-qorti kompetenti ghall-hlas tad-danni u ta' penali a tenur tal-imsemmi artikolu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' malta.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti jitolbu umilment lil dan l-Onorabbli Bord, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja-

(i) jiddikjara illi s-sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fit-28 ta' Marzu, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Borg et –vs- Francis sive Frank Vella" (Rikors Numru 51/97JC) kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2001 kienet imsejsa fuq dikjarazzjoni falza tal-intimat kif korroborata minn xhieda falza moghtija mix-xhud Saviour Borg minnu prodott, u li ghaldaqstant dan il-gudizzju huwa impunibbli a tenur tal-artikolu 42 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) jirrevoka s-sentenza moghtija dan l-Onorabbli Bord fit-28 ta' Marzu, 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Borg et –vs- Frnacis sive Frank Vella" (Rikors Numru 51/97JC) kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2001;
(iii) konsegwentement jordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza u jiddikjara illi l-intimat mhuwiex qieghed jaghmel uzu mill-fond ossija 'garage' bin-numru mija u tmintax

(118), Triq il-Kostituzzjoni, Mosta ghall-uzu illi ghalih l-imsemmi fond gie mikri;
(iv) konsegwentement jawtorizza lill-esponenti sabiex jirriprendu l-pussess vakant tal-imsemmi fond; u
(v) konsegwentement jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond ossija 'garage' 118, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u dan fi zmien qasir u perentorju illi jigi prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat u b'rizerva ghall-istituzzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tad-danni u l-penali a tenur tal-artikolu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra <u>r-risposta</u>

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante l-azzjoni kif intavolata mir-rikorrenti hija llum fuori termine u dana a bazi tal-artikolu 818 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-mertu l-allegazzjoni tar-rikorrenti u cioe' li fil-proceduri fl-ismijiet "Joseph Borg et vs Francis sive Frank Vella" Rikors Numru 51/97JC kien hemm xi falzita' hija inveritiera u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti u dokumenti kollha.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra,

1. Dan hu rikors imsejjes ghal smiegh mill-gdid fuq l-artikolu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta:

"Jekk jinsab li wahda mill-partijiet hadet decizjoni favorevoli mill-Bord minhabba dikjarazzjoni falza maghmulha minnha l-parti kuntrarja tista' taghmel talba lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tar-rikors u tista' ukoll

tagixxi quddiem il-Qorti kompetenti ghad-danni u ghal hlas ta' penali ta' mhux izjed minn mitejn lira, kif tigi stabbilita' mill-qorti".

2. Dan ir-rimedju specjali ghal smiegh mill-gdid jirreferi ghal dikjarazzjoni falza ta' "wahda mill-partijiet". Il-procedura hi b'rikors. Fl-artikolu 811 tal-Kap 12 jinghata smiegh mill-gdid

"jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk dikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kienitx taf b'dan il-fatt".

Il-procedura hi b'citazzjoni fuq xi raguni/ragunijiet imsemmija fl-art 811 quddiem Qorti ta' l-Ewwel Grad kif inhu l-Bord.

3. Il-procedura mressqa quddiem il-Bord tirreferi ghall-art 42 tal-Kap 69. Saviour Borg qatt ma kien parti fir-rikors numru 51/97 deciz mill-Bord (kif presedut) fit-28 ta' Marzu 2001 u li sar res jindicata b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001. Kull referenza ghax-xhieda ta' Saviour Borg ma jmissiex iddahlet f'din il-procedura la dan m'hux parti fil-proceduri imma xhud li kien tressaq mill-intimat ta' llum (qabel rikorrent) – ara App. Mill-Bord "Zammit vs Dingli" 28/12/2001).

4. Issir referenza ghas-sentenza in re 'Brincat vs Xuereb' (App. Mill-Bord).

"il-koncett ta' dikjarazzjoni falza kif kontemplat in via ta' rimedju fl-art 42 tal-Kap 69 necessarjament jimplika mala fede da parti ta' min ikun ghamel dik id-dikjarazzjoni li sussegwentement trid tirrizulta falza u ghas-sentenza fl-ismijiet "Schembri vs Farrugia", App Mill-Bord 7/10/96).

"Biex tinkwadra ruhha r-ritrattazzjoni taht is-subinciz 42 tal-Kap 69 l-appellanti jridu jippruvaw li r-rikorrenti appellant ghamel dikjarazzjoni falza. Att pozittiv u valut li jrid jirrizulta mill-atti…… Il-provi li riedu jipproducu l-appellanti f'dan l-istadju……in sostenn ta' l-aggravju bazat

fuq l-art 42 tal-Kap 69 irid qabel xejn ikun stabbilit mill-atti illi r-rikorrent appellant ghamel xi dikjarazzjoni" (*ara ukoll 'Zerafa vs Zerafa et', App Civ 30/1/1967*).

5. Kwalunkwe procedura ghal smiegh mill-gdid ghandha zewg stodi:

"……huwa evidenti li l-gjudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg skopi, jigifieri dak li tigi annullata sentenza tkun saret giudikat bejn il-partijiet, u dak li terga' tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza ohra. Ghalhekk il-gjudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stradi, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina bhala 'il-rescindente' u 'l-rescissorio'.

(*ara 'Borg vs Grech' App 27/6/1949; Kontrollur tad-Dwana vs Zammit pro et noe', App 5/6/1985, Vol LXIX-2-219; 'Portelli vs Portelli', App 8/3/89; 'Scerri noe vs Grech', App 8/11/95; 'Taliana vs Falzon', App Inf. 5/3/03, 'Wismayer vs Wismayer', App 7/12/36*)

Dan qed jinghad ghaliex fit-talbiet fir-rikors iddahhlu hafna affarijiet li ma kienx mehtiega li jissemmew.

6. L-artikolu 42 huwa, kif intqal, rimedju specjali u mid-'Dibattitu Parlamentari' ta' l-Ordinanza XXI tal-1931 jidher li l-legislatur ried jaghti bhala bazi ghar-ritrattazzjoni lilu biss – dikjarazzjoni falza tal-parti. Ta' min jghid ukoll li l-appell minn decizjoni tal-Bord iddahhal fil-ligi bl-Att XXIV tal-1937. Matul iz-zmien il-gurisprudenza ghallmet li ritrattazzjoni quddiem il-Bord setghet issir ukoll ghar-ragunijiet imsemmija fil-'Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili' billi l-art 20(1) tal-Kap 69 jghid li

"Il-Bord ghandu l-istess setghat moghtija mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (*ara 'Cassar vs Mifsud', App. 5/2/45, Vol XXII-p-155 u 'Zammit vs Dingli', fuq imsemmija*).

7. Skond l-art 814 tal-Kap 12 "it-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata u jistghu joqghodu fiha l-istess mhallfin jew

magistrati”. Dan l-artikolu dahal fil-ligi permezz ta’ l-Ordinanza IX tal-1886 u biddel sostanzjalment il-procedura ta’ qabel.

8. F’dawn il-proceduri hemm ‘res jiudicata’, sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li kkonfermat sentenza tal-Bord. Il-Bord qed jintalab li jhassar is-sentenza tieghu “kif konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Gunju 2001”. Din hija talbal li ghaliha jghodd dak li intqal fis-sentenza ‘Gollcher vs Balbi’ (Vol XIII p. 8, 5/1/1894)

“Alloquando una causa e’ passata in grado di Appello, la Ritrattazione se ne deve domandare inanzi alla Corte di Appello, sia che abbia confermato o riformato la sentenza della prima Corte, sia che il vizio lamentato si trovi nell’altra sentenza”.

U

“…il sistema opposto presenterebbe l’inconveniente di riaprire dai suoi primi atti un giudizzio gia spento, e l’assurdo che la prima Corte, revocando la propria, faccia cadere nel nulla anche la sentenza di appello (v. Borsari)”.

9. Appell u ritrattazzjoni m’humiex l-istess haga. Izda parti li minn sentenza tal-bord tmur quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u tiehu sentenza ma tistax tmur lura ghal artikolu 42 tal-Kap 69 biex tattakka s-sentenza tal-Bord.

10. Hawnhekk il-Bord ‘marte proprio’ qed iqajjem in-nullita’ tal-procedura li ghandu quddiemu.

11. Billi quddiem il-Bord qamet il-kwistjoni taz-zmien li fih tista’ tintalab ritrattazzjoni issir referenza ghall-art 818 tal-Kap 12 li hu applikabbli.

Billi l-procedura hija nulla mhabba r-ragunijiet fuq imsemmija l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.”

Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza fuq il-bazi ta’ l-aggravju illi l-Bord kien zbaljat meta *marte proprio* ssolleva n-nullita` tar-rikors promotur;

Il-procedura ntentata mir-rikorrenti biex jattakkaw is-sentenza tal-Bord tat-28 ta’ Marzu 2001, konfermata in sede Appell fid-9 ta’ Ottubru 2001 hi cirkoskritta ghad-dispost ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69;

Materja konsimili giet ezaminata funditus minn din il-Qorti fil-kawza “**Peter Borg -vs- Emanuel Busuttil**” (rikors Numru 53/2001) deciza llum. Ghaldaqstant a skans ta’ ripetizzjoni din il-Qorti taghmel semplici referenza ghall-konsiderazzjonijiet li jghoddu f’ dik il-kawza u taghmilhom applikabbli ghall-appell fl-istanza odjerna;

Ghall-istess ragunijiet din il-Qorti sejra tghaddi biex tirrevoka s-sentenza appellata b’ dan li qed thalli impregudikati l-kwestjonijiet l-ohra billi thoss li jkun jaqbel li jigu trattati funditus mill-Bord.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost u b’ hekk thassar is-sentenza appellata billi tosserva u tiddeciedi li l-procedura mressqa mill-appellanti giet sewwa ntavolata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fit-termini ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69. Konsegwentement qed tirrinvija l-atti lura lill-Bord biex hemm il-procedura tigi deliberata u trattata kif jixraq skond il-ligi;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------